FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 3**

**Avviz. numru 1915/00JR**

**Manwel u Carmen Chetcuti**

**vs**

**Julio Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Novembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u tmenin lira Maltija (Lm180.00), u fejn intqal illi l-konvenut dahal bil-vettura misjuqa minnu f'zewg karrozzi proprjeta` ta' l-atturi u cioe` l-vetturi Lada Samara EAZ-238 u Fiat Punto GAO-418. Fil-vettura Lada Samara kisser il-bumper li jiswa mija u erbghin lira Maltija (Lm140.00) u fil-Fiat Punto kisser ukoll bumper li jiswa erbghin lira Maltija (Lm40.00), ghalhekk il-konvenut ikkawza lill-atturi d-danni totali ta' mija u tmenin lira Maltin (Lm180.00).**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-12 ta' Dicembru, 2000, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante:**

i. **illi l-hsara li ghamel il-konvenut fil-vettura Lada Samara EAZ-238 diga giet riparata mill-konvenut;**

ii. **Illi mhuwiex minnu illi l-konvenut ikkaguna xi hsarat fil-vettura Fiat Punto u ghaldaqstant l-ammont mitlub mill-atturi mhux dovut.**

**Semgha x-xhieda ta' Manwel Chetcuti, John Debono, Carmen Chetcuti, Julio Zammit, David Borg, Alfred Zammit. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku bejn il-vettura tal-konvenut numru ta' registrazzjoni CAT-165 li kienet miexja, u l-vetturi parkeggjati ta' l-attur Lada Samara EAZ-238 u ta' mart l-attur Fiat Punto GAO-418. Il-vetturi ta' l-atturi kienu parkeggjati meta, bil-lejl, il-konvenut dahal fil-vettura Lada, li allegatament intefghet fuq il-Fiat Punto, parkeggjata quddiemha.**

2. **Mill-provi mismugha, jirrizulta li l-konvenut u Alfred Zammit, missier il-konvenut, kienu gew mill-ewwel mgharrfin li kien hemm hsara wkoll fil-Fiat Punto. Il-konvenut qed jichad li hu kkawza din il-hsara fil-Fiat, filwaqt li jammetti li kkawza l-hsara fil-Lada Samara.**

3. **Il-konvenut jghid li lanqas biss ma kien hemm karrozzi quddiem il-Lada**

meta habat fiha. It-Tribunal isibha difficli biex jemmen lill-konvenut fir-rigward, kemm ghax meta gara l-incident kien bil-lejl, kif ukoll ghax, kif xehed l-istess konvenut huwa kien aljenat, u wkoll ghax jirrizulta mix-xhieda l-ohra proprju l-oppost.

4. Jirrizulta li l-Fiat ma kienetx qed tmiss mal-Lada, anzi kienet xi metru l-boghod minnha, u dana jaghmel sens, in kwantu d-danni riportati fil-Punto kienu minimi. Missier il-konvenut stess kien qal lill-attur biex jiehu il-Punto ghat-tiswija.

5. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandux dubbju li ghall-incident in kwistjoni kien jahti il-konvenut, kemm ghad-danni fil-Lada Samara kif ukoll ghad-danni fil-Fiat Punto.

6. Dwar l-ammont ta' danni subiti, qed jintalab l-ammont ta' mija u tmenin lira Maltija. L-attur esebixxa l-istimi dwar id-danni subiti, u cioe l-ammont ta' tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm80.50), Dok.A, ghad-danni fil-Punto, u mitejn sitta u sittin lira Maltija, Dok.B, ghad-danni fil-lada Samara. Jidher li l-istess atturi talbu biss mija u tmenin lira Maltija (Lm180.00), peress li kien hemm ga xi "parts".

7. Alfred Zammit, missier il-konvenut, jghid li hallas sebghin lira Maltija (Lm70.00) ghall-hsara fil-Lada. Dawn kienu allegatament thallsu lil panel beater. Jidher li dan l-ammont, jekk tassew thallas, kien ga gie mehud in kunsiderazzjoni mill-atturi meta huma ghamlu t-talba taghhom.

8. Ma jirrizultax li l-ammont mitlub, tenut kont tal-hsarat li kien hemm fiz-zewg karrozzi, kien esagerat. Infatti jirrizulta li l-Lada kellha hsara

fiz-zewg bumpers, apparti fanal imkisser, filwaqt li jirrizulta li l-hsara fil-fiat Punto kienet minima, konsistenti biss fi brix fil-bumper. L-ammont ta' mija u tmenin lira (Lm180.00) mitlub mhux esagerat.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u tmenin lira Maltija (Lm180.00).

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Dr Joseph Refalo
GUDIKATUR